MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 104/2009

**Kevin Mallia**

**-vs-**

**Air Malta plc**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fil-5 ta’ Frar 2009 fejn jinghad hekk –

“ 1. Illi l-esponenti nkariga lis-socjeta’ konvenuta sabiex tittrasporta u tikkonsenja annimali hajjin minn Amsterdam ghal Malta permezz ta’ Air Waybill No. 643-608 4153 (kopja annessa bhala **DOK. A**) ;

2. Illi dawn l-annimali kienu hajjin u konformi mar-regolamenti kollha, inkluz dawk tal-IATA u CITES, u dan kif jirrizulta mis-Shippers Certification for Live Animals, li

kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **DOK. B ;**

3. Illi din il-konsenja kienet giet ricevuta u accettata mis-socjeta' konvenuta fil-21 ta' Jannar 2007, u kienet mistennija titlaq permezz tal-*flight* KM 399 ;

4. Illi l-Air Way Bill *de quo* kien jindika precizament il-kliem "*Handle with care. Must fly as booked. Do not delay*" u dan minhabba l-fatt li dawn l-annimali kienu ta' specje rari hafna, u l-konsenja taghhom kellha tasal dakinhar stess fil-11.30 p.m. ;

5. Illi effettivament l-annimali ma kinux trasportati kif miftiehem, izda wara rrizulta li gew *offloaded* fl-ahhar minuta, u l-esponenti kien infurmat meta mar jigbor il-konsenja kif originalment pattwit, illi l-konsenja kellha tasal fit-22 ta' Jannar 2007, cioe' l-ghada filghaxija ;

6. Illi meta l-konsenja waslet irrizulta li 7 minn dawn l-ghasafar kienu mietu u *in oltre* l-annimali l-ohra tant kienu baghtu mill-istress tat-tragitt illi wahda mic-*cheetah* mietet ;

7. Illi dan kjarament sehh minhabba traskuragni u negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta ;

8. Illi nterpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-esponenti, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti ;

9. Illi tali agir negligent, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kien tali li jezorbita mir-relazzjoni ta' garr ta' beni kontrattat bejn il-partijiet u johloq ghalhekk responsabilita' partikolari tas-socjeta' konvenuta ;

10. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxena ta' l-esponenti.

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex –

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-annimali *de quo* mietu rizultat tat-traskuragni u negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta li naqset mill-obbligi taghha, u dana kif fuq dettaljat ;

2) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi ;

3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2007, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni. "

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa li kienet presentata fl-1 ta' April 2009 li tghid hekk –

" **1. Eccezzjoni: Preliminarjament, l-azzjoni hija perenta *ai termini* tal-Artiklu 35 tal-Konvenzjoni ta' Montreal [*ossia Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage* tal-1999].**

*Fatti dwar din l-eccezzjoni:*

1.1 Illi *ai termini* tal-Artiklu 35 tal-Konvenzjoni ta' Montreal:

*The right to damages shall be extinguished if an action is not brought within a period of two years, reckoned from the date of arrival at the destination, or from the date on which the aircraft ought to have arrived, or from the date on which the carriage stopped.*

1.2 Illi dan huwa perijodu ta' dekadenza li ma jistax jigi nterrott.

1.3 Illi l-merkanzija waslet f'Malta nhar it-22 ta' Jannar 2007 u ghalhekk il-kawza kellha tigi pprezenta sat-22 ta' Jannar 2009.

1.4 Illi l-proceduri odjerni gew intavolati nhar il-5 ta' Frar 2009 u ghaldaqstant huma *fuori termine*.

**2. Eccezzjoni: Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, l-attur irid jipprova illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti minnu u li huwa ma kkontribwiex b'xi mod ghad-danni allegatament sofferti.**

*Fatti dwar din l-eccezzjoni:*

2.1 Illi l-kumpanija konvenuta tichad illi hija responsabbli ghan-nuqqasijiet allegati.

2.2 Illi lill-konvenuta jirrizultalha illi l-annimali ma kinux tghabbew fuq it-titjira lejn Malta tal-21 ta' Jannar 2007 minhabba nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni. Il-pilota kellu mhux biss il-poter izda sahansitra d-dmir illi ma jaccettax illi titghabba merkanzija ta' din ix-xorta minghajr ma d-dokumentazzjoni tkun cara u kompleta.

2.3 Illi malli saru l-korrezzjonijiet opportuni fid-dokumentazzjoni, l-annimali tghabbew fuq l-ewwel titjira li kien imiss lejn Malta, u cioe' dik tal-ghada 22 ta' Jannar 2007.

2.4 Illi ghandu jinghad ukoll illi r-rikorrent kien gie nfurmat nhar il-21 ta' Jannar 2007 stess li l-annimali ma kinux tghabbew pero' ma jirrizultax illi kkuntattja lix-*shipper* sabiex jimminimizza r-riskju li ssir xi hsara lill-annimali.

**3. Eccezzjoni: Illi d-danni huma kkontestati u jridu jigu ppruvati.**

*Fatti dwar din l-eccezzjoni:*

3.1 Illi r-rikorrenti ghandu jgib prova mhux biss illi huwa sofra danni imma anke l-*quantum* ta' tali danni.

**4. Eccezzjoni: Illi totalment minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit f'kaz li l-eccipjenti tinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti, *stante* li ghandha tapplika l-klawsola ta' *limitation of liability* skont il-Konvenzjoni ta' Montreal.**

*Fatti dwar din l-eccezzjoni:*

4.1 L-artiklu 22 tal-Konvenzjoni ta' Montreal jistabilixxi illi r-responsabilita' tal-*carrier* hi ta' sbatax (17)-il "*Special Drawing Right*" ekwivalenti ghal madwar 20 Dollaru) ghal kull kilo ta' merkanzija ddikjarat mix-*shipper*.

4.2 Illi f'dan il-kaz il-piz dikjarat huwa ta' disgha u tletin (39) kilogramm, u ghalhekk id-danni totali li l-eccipjenti tista' tinstab responsabbli ghalihom huma ta' mhux izjed minn USD 780.

**5. Illi *ai termini* tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12 jigi ddikjarat illi:**

5.1 Ghar-ragunijiet imsemmija, il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat tar-rikorrent qed jigu kkontestati u jehtieg li jigu ppruvati.

**6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.** "

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' konvenuta.

**Rat** id-digriet taghha tat-2 ta' April 2009 (fol 15) fejn din il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex iressqu provi u jittrattaw biss l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet kif kienu diretti.

**Semghet** lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni preliminari fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat –**

Din tal-attur hija azzjoni "*ex contractu*" fejn in forza ta' kuntratt ta' garr ta' merkanzija bl-ajru evidenzjat bid-DOK A l-attur qed jitlob risarciment ta' danni minghand is-socjeta' konvenuta minhabba allegati inadempjenzi taghha jew ta' persuni nkarikati minnha.

Ghax hawn *si tratta* ta' garr ta' merkanzija bl-ajru, ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet mhix regolata mid-disposizzjonijiet generali tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda bid-disposizzjonijiet specjali tal-Avviz Legali 63 tal-2003 li bis-sahha tieghu saret parti mil-ligi taghna *The Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air* – 1999 maghrufa ahjar bhala *The Montreal Convention*. It-test shih bl-Ingliz tal-*Montreal Convention* kien introdott bhala *First Schedule* fl-Avviz Legali 63 tal-2003.

Il-*Montreal Convention* hadet post il-konvenzjoni internazzjonali l-ohra li qabel kienet tirregola dan il-qasam u cioe' *The Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air – 1929* maghrufa ahjar bhala *The Warsaw Convention*.

**Ikkunsidrat –**

Dwar l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti trid taghmel zewg konsiderazzjonijiet:

Fl-ewwel lok, trid tghid jekk iz-zmien sabiex l-attur iressaq azzjoni ta' din ix-xorta huwiex ta' sentejn inkella ta' hames snin ; u

Fit-tieni lok, trid tghid jekk iz-zmien huwiex wiehed ta' dekadenza inkella ta' preskrizzjoni.

Skont il-kaz tiddeciedi mbaghad jekk l-azzjoni attrici hix perenta jew kif pretiz mis-socjeta' konvenuta.

L-ewwel kwistjoni : iz-zmien

Jekk l-azzjoni attrici mhix kolpita mill-Avviz Legali 63 tal-2003 (kif bhal donnu implika l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu bil-fomm) allura z-zmien sabiex l-attur iressaq l-azzjoni tieghu huwa hames snin abbazi tal-principju generali tal-kuntratti kif jirrizultaw fil-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk pero' l-azzjoni attrici tinkwadra ruhha fid-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 63 tal-2003 (kif issostni s-socjeta' konvenuta) allura z-zmien huwa ta' sentejn ghaliex skont l-Art. 35(1) tal-First Schedule tal-istess avviz legali –

*The right to damages shall be extinguished if an action is not brought within a period of two years, reckoned from the date of arrival at the destination, or from the date on which the aircraft ought to have arrived, or from the date on which the carriage stopped.*

Biex isostni l-istanza tieghu li z-zmien ghall-presentata tal-azzjoni applikabbli ghal dan il-kaz huwa dak ta' hames snin mhux ta' sentejn, l-attur jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta' Marzu 1993 fil-kawza fl-ismijiet **"Nandwani vs Tabone noe"**.

F'dan il-kaz kienet invokata l-*Warsaw Convention* 1929 li fl-Art. 29(1) kienet tinkorpora disposizzjoni identika ghall-Art 35(1) tal-*Montreal Convention*.

F'dik is-sentenza, il-Qorti kienet iddecidiet li ghall-fattispece tal-kaz kienu japplikaw ir-regoli tar-responsabilita' generali "*ex contractu*" mhux dawk specjali skont il-*Warsaw Convention1929.*

Din Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fattispece ta' dak il-kaz u tghid minghajr esitazzjoni li dawk il-fatti ma jaqblu xejn fis-sostanza tal-vertenza ma' dawk tal-kaz odjern.

Ghalkemm dik kienet azzjoni ghal danni wara telf ta' merkanzija istitwita kontra s-socjeta' konvenuta tal-lum, il-kawza ma saritx kontra taghha fil-vesti taghha ta' *carrier* izda bhala *handler t*al-merkanzija. F'dak il-kaz il-*carrier* kienet il-kumpannija tal-ajru *Air Europe* waqt li l-Air Malta kienet il-*handler* tal-merkanzija. Mela f'dak il-kaz id-disposizzjonijiet tal-*Warsaw Convention* 1929 kienu operattivi biss fir-relazzjoni ta' bejn l-attur u l-*carrier* u mhux fir-relazzjoni mal-*handler*. Hekk qalet il-Qorti f'dik il-kawza.

Fil-kaz odjern, l-attur qed tghid li l-Montreal Convention ma tapplikax ghaliex in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta twieled qabel sar it-trasport bl-ajru.

Fil-kuntest tal-argument legali li qed iressaq l-attur, din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-attur.

Skont l-Art. 11(1) tal-*Montreal Convention* –

*The air waybill or the cargo receipt is prima facie evidence of the conclusion of the contract, of the acceptance of the cargo and of the conditions of carriage mentioned therein.*

Ghalhekk kif appena s-socjeta' konvenuta anke permezz tal-agenti taghha barra mill-pajjiz hadet fil-kustodja taghha minghand is-*shipper* tal-attur il-merkanzija li l-attur ried jibghat Malta bl-ajru, kienet operattiva il-*Montreal Convention* bid-disposizzjonijiet kollha taghha. Dan huwa fl-interess tal-partijiet kollha nvoluti fl-istadji kollha tal-garr ta' merkanzija bl-ajru nkluz l-importatur li m'ghandux jara r-responsabilita' tal-*carrier* tkun limitata biss ghaz-zmien meta l-merkanzija titla' abbord l-ajruplan u tispicca kif tinzel minn fuq l-ajruplan.

U r-responsabilita' tal-*carrier* testendi ghas-*servants and agents* tal-*carrier* kif jipprovdi l-Art. 43 tal-*Montreal Convention*.

*Una volta* hija operattiva l-*Montreal Convention* huwa operattiv ukoll l-Art. 35(1). Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-presentata tal-azzjoni attrici kellha ssir fi zmien sentejn

mid-data ta' meta l-merkanzija waslet Malta. Huwa pacifiku li l-merkanzija waslet Malta fit-22 ta' Jannar 2007 u l-azzjoni giet presentata fil-5 ta' Frar 2009 u cioe' aktar mis-sentejn li jsemmi l-Art. 35 (1).

It-tieni kwistjoni: preskrizzjoni jew dekadenza

Mhux kontestat li l-attur ippresenta ittra ufficcjali kontra s-socjeta' konvenuta fit-18 ta' Ottubru 2007 li kienet notifikata fl-24 ta' Ottubru 2007 (DOK E – fol 33 – fol 34). Pero' s-socjeta' konvenuta tghid li z-zmien ta' sentejn huwa perjodu ta' dekadenza mhux ta' preskrizzjoni, u ghalhekk iz-zmien ma jistax jigi interrott permezz tal-presentata u notifika ta' att gudizzjarju.

Biex din il-Qorti tghid jekk iz-zmien huwiex ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza trid bilfors thares lejn it-test tal-ligi.

Kien enuncjat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Sammut vs Pellegrini Petit"** tas-16 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV.I.276) li:

*Quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quell termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quell termine, quell'atto non sarebbe piu' ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in cio che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera' di una decadenza.*

Din il-Qorti tghid li hija cara d-dicitura ta' l-Art. 35(1) tal-*Montreal Convention* li kif diga' gie rilevat illum saret ligi tal-pajjiz meta kienet integrata bhala *First Schedule* fl-Avviz Legali 63 tal-2003. It-test tal-Art. 35(1) huwa tassattiv tant li jinghad li –

*the right to damages **shall be extinguished** if an action is not brought within a period of two years …….*

Iz-zmien huwa manifestament rigoruz u perentorju. Hija l-fehma ta’ guristi bhal Troplong li meta l-istatut ikun rigoruz u preciz, meta l-espressjoni uzata tnehhi kull ambigwita’, allura l-azzjoni ghandha tigi proposta ezattament fiz-zmien stabbilit. Meta *invece* t-test ma jkunx hekk rigoruz, jew ikun anqas preciz, allura wiehed jista’ juri flessibilita’ fl-interpretazzjoni.

Din il-Qorti tghid li t-test tal-Art. 35(1) ma jaghti lok ghal ebda ambigwita u bla esitazzjoni tghid li z-zmien huwa ta’ dekadenza.

Peress li ma rrizultax li s-socjeta’ konvenuta rrikonoxxiet il-pretensjoni attrici u peress li l-azzjoni attrici giet presentata wara li ghaddew is-sentejn, l-istess azzjoni hija perenta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta’ konvenuta, tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt ta’ azzjoni tieghu kontra s-socjeta’ konvenuta u ghalhekk tiddikjara perenta l-azzjoni attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------